MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Numru. 336/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**MARIA CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Maria Cassar ta’ 58 sena, mart Carmelo, bint Carmel u Magdalena nee’ Damato, mwielda Marsa fit- 23 ta’ Dicembru 1953, residenti 48, Pjazza Patri Magri Marsa u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 39354M;

Talli;

1) f’ Jannar 2011 u fix- xhur u s- snin ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li

gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b' qerq iehor, ngann jew billi wriet haga b' ohra sabiex iggieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn €2,329.37, ghad- detriment tal- werrieta tal- mejjet Carmelo Micallef detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 790529M u l- mejtha Caterina Micallef detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 332739M;

2) aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' (prokura), ghad- detriment tal- werreita tal- mejjet Carmelo Micallef detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 790529M u Caterina Micallef detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 332739M;

3) aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b' falsifikazzjoni jew tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi;

4) talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn dokument falz;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-istadju tal-ewwel seduta wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 183 u 184 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal- Kap 9.
Tordna lill-imputata thallas is-somma ta’ hamsin elf ewro (€50,000) fi zmien sitt (6) xhur lil Joan Gauci u Anthony Formosa ghan- nom tal- werrieta ta’ Carmelo u Caterina Micallef ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------